# IT-TIELET PARTI — QORTI TAL-KUMMERĊ

8 ta' Jannar, 1954

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Edgar Staines, O.B.E., ne *versus* Joseph Caschieri et.

**Gwerra — Armistizju — Trattat tal-Paċi — Ċessazzjoni ta' l-Ostilitajiet — Kuntratt — Interpretazzjoni tal-Frażi "Meta Tispiċċa l-Gwerra".**

*Gwerra tista' tispiċċa bi tliet manjieri differenti: jew billi l-belligeranti jastjenu ruħhom minn attijiet oħra ta' gwerra u jgħaddu għal relazzjonijiet paċifiċi imma ma jagħmlux il-paċi espressament per mezz ta' trattat speċjali; jew per mezz ta' trattat speċjali tal-paċi; jew bis-soġġjogazzjoni ta' l-avversarju. Imma l-manjieri li bihom il-gwerra tispiċċa regolarment huma t-trattat tal-paċi u s-soġġjogazzjoni.*

*Kwantu għall-mezz l-ieħor, jiġifieri ċ-ċessazzjoni tal-gwerra da parti taż-żewġ belligeranti, din hija dik iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet bħal fil-każ ta' armistizju jew ta' reża inkondizzjonata.*

*Dan l-aħħar imsemmi metodu ġie adottat fit-tieni gwerra mondjali, biex isir tmiem ta' l-ostilitajiet minflok il-ftehim konswetudinarju ta' l-armistizju, sabiex tiġi evitata l-konklużjoni ta' ftehim mal-gvernijiet responsabbli għall-inizju u għall-proċediment illeġittimu tal-gwerra; iżda dan il-metodu ma jġibx miegħu t-tmiem formali tal-gwerra. Għalhekk il-gwerra ma' l-Italja għandha tiġi ritenuta li spiċċat bit-trattat tal-paċi li ġie firmat f'Pariġi fl-10 ta' Frar 1947, u mhux meta fil-fatt iċċessaw l-operazzjonijiet tal-gwerra, li spiċċaw bil-ftehim li sar fit-3 ta' Settembru 1943, u li ġew kompletati bid-dokument aktar dettaljat ("The Long Terms") li ġie firmat f'Malta fid-29 ta' Settembru 1943.*

*B'dan kollu, fl-interpretazzjoni ta' kuntratti privati l-Qorti tista', kunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-każ, tittratta ċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet bħala sinonima maċ-ċessazzjoni tal-gwerra; u dan sabiex jiġu evitati riżultati inkonsistenti mal-ġustizzja u mas-sens komun. U biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-partijiet kellhom f'moħhom iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet, u mhux it-terminazzjoni*

*tal-gwerra, avvolja fil-ftehim huma użaw il-frażi "meta tispiċċa l-gwerra", tista' tqis anki ċirkustanzi barra mill-kuntratt li jistgħew biex wieħed jattingi minnhom l-elementi tal-konvinzjoni tiegħu skond ir-regoli li jiggovernaw il-provi.*

*In bażi għal dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti, il-Qorti żammet illi l-frażi "meta tispiċċa l-gwerra", użata mill-partijiet fil-kuntratt, kienet tfisser iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet f'Malta, jiġifieri fit-8 ta' Mejju 1945, meta ġie firmat l-istrument tar-reża totali u inkondizzjonata tal-għadu, u mhux fl-10 ta' Frar 1947, meta sar it-Trattat tal-Paċi.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-konvenuti, b'kuntratt in atti Ðandria tad-29 ta' Novembru 1943, ikkostitwew ruħhom debituri lejh fis-somma ta' £4517. 14. 0, bl-interessi fl-istess kuntratt indikati; liema somma, flimkien ma' dawk l-interessi, huma kellhom iħallsu mhux aktar tard mill-ewwel ta' Ottubru 1945, jekk allura l-gwerra tkun spiċċat, u għas-sempliċi rikjesta tiegħu jekk tkun spiċċat wara; u li l-gwerra, fl-ewwel ta' Ottubru 1945, kienet spiċċat, u hekk id-debitu skada f'dik id-data; u li, għalkemm minn dak in-nhar 'il hawn għaddew fuq ħames snin, il-konvenuti kien baqgħalhom bilanċ ta' £1112. 14. 11, bl-imgħax mit-8 ta' Novembru 1950, kif jirriżulta mill-prospett li ġie miġjub bħala dokument "B" ma' l-att taċ-ċitazzjoni; talab, billi għaddew aktar minn tliet snin minn mindu l-imsemmi kuntratt seta' jiġi eżegwit, li jiġi awtorizzat jipproċedi għall-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt, biex ikun jista' jottjeni minn għand il-konvenuti, solidalment, il-ħlas tas-somma ta' £1112. 14. 11, bl-imgħax tas-6% mit-8 ta' Novembru 1950. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi, kif jirriżulta minn noti tal-kontendenti, speċjalment minn dik tal-konvenuti aħwa Cuschieri, li qegħda fil-fol. 40 ta' l-inkartament relativ għall-proċess, u mid-diskussjoni tal-kawża, l-imsemmijin aħwa Cuschieri ma jaċċettawx bħala korrett il-prospett fuq imsemmi, prodott ma' l-att taċ-ċitazzjoni,

u li minnu jirriżulta l-pretiż bilanċ li għadu dovut lill-attur nomine, għal żewġ motivi: l-ewwel, għaliex huma jippretendu li l-attur nomine ma rreġistrax il-pagamenti kollha minnhom magħmulin, dawk, jiġifieri, li huma għamlu bejn il-31 ta' Jannar 1938 u s-7 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena, fiddata li fihom huma effettivament għamluhom; u għalhekk, kif huma jippretendu, għal ċertu żmien l-attur nomine kien qiegħed jaddebitahom bl-interessi relativi; u jippretendu wkoll, milli jidher, li qabel ma bdiet il-gwerra ma' l-Italja huma għamlu pagamenti oħra akkont mingħajr però ma ndikaw liema huma dawn il-pretiżi pagamenti; it-tieni motiv, għaliex jippretendu li l-attur nomine jmissu baqa' jikkalkola l-interessi bir-rata tat-3% fis-sena sal-10 ta' Frar 1947; u mhux sas-7 ta' Mejju 1945 biss, u mbagħad bir-rata aktar għolja tas-6% fis-sena, kif huwa għamel, u dan għaliex skond il-kuntratt fuq imsemmi, l-interessi kellhom jibqgħu jiġu kalkulati bir-rata tat-3% fis-sena sakemm tispiċċa l-gwerra, u mbagħad, wara li tkun spiċċat il-gwerra, u minn meta tkun spiċċat, bir-rata aktar għolja tas-6% fis-sena, korrispondenti għar-rata oriġinarjament pattwita, u huma jippretendu li dik il-gwerra għandha tiġi ritenuta terminata fl-10 ta' Frar 1947;

Tikkunsidra;

Illi d-definizzjoni tal-kwistjoni dwar ir-rata ta' l-interessi tiddependi mill-interpretazzjoni tal-frażi adoperata fil-kuntratt fuq imsemmi. F'dan il-kuntratt jingħad:— "Huma" — id-debituri — "jobligaw ruħhom solidalment iħallsu flimkien ma' l-interessi mill-ewwel ta' Settembru 1943 fuq dik is-somma, kalkulati bir-rata ta' 3% minn dik id-data sakemm tispiċċa l-gwerra, u bir-rata tas-6% minn meta tispiċċa l-gwerra sa l-effettiv pagament";

Tikkunsidra;

Gwerra tista' tispiċċa bi tliet manjeri differenti. Il-belliġeranti jistgħu jastjenu ruħhom minn attijiet oħra ta' gwerra u jgħaddu għal relazzjonijiet paċifiċi mingħajr ma jagħmlu l-paċi espressament per mezz ta' trattat speċjali; jistgħu jistabbilixxu formalment il-kondizzjonijiet tal-paċi per mezz ta' trattat speċjali tal-paċi; u jista' belliġeranti jispiċċa l-gwerra bis-soġġjogazzjoni ta' l-avversarju — dak li jissuċċiedi meta

wieħed mill-belliġeranti, wara li jkun annikilixxa l-forzi ta' l-avversarju u rebaħ *it-territorju* tiegħu, jiddistruġġi l-eżistenza ta' l-istess avversarju bl-annessjoni tat-territorju konkwistat;

Il-manjieri li *bihom gwerra* tispiċċa regolarment huma t-trattat tal-paċi u s-soġġjogazzjoni, għalkemm ma jonqsux fl-istorja każijiet li fihom gwerra spiċċat biċ-ċessazzjoni ta' kull att ta' gwerra da parti *tal-belliġeranti*;

Din iċ-ċessazzjoni ta' l-operazzjoni tal-gwerra da parti taż-żewġ belliġeranti, li tponi fini għall-gwerra, mhix dik iċ-ċessazzjoni ta' *ostilitajiet* bħal *fil-każ* ta' armistizju jew ta' reża inkondizzjonata — metodu, dana t-tieni wieħed, li ġie adottat fit-tieni gwerra mondjali biex isir tmiem ta' l-ostilitajiet minflok il-ftehim *konswetudinarju* ta' l-armistizju, sabiex tiġi evitata l-konklużjoni ta' ftehim mal-gvernijiet responsabili għall-inizju u għall-proċediment illeġittimu tal-gwerra. Dina t-tieni xorta ta' *ċessazzjoni ta'* l-*ostilitajiet* ma ġġibx magħha t-tmiem formali tal-gwerra;

Fit-tieni gwerra mondjali—dik li għaliha saret riferenza fil-kuntratt fuq imsemmi—fil-*każ ta'* l-Italja, kunsidrati ċ-ċirkustanzi speċjali ta' dak il-każ, jiġifieri l-fatt li l-Italja assoċjat ruħha ma' l-Alleati bħala konbelliġeranti fil-kontinwata lotta kontra l-Ġermanja, sar *ftehim ordinarju* ta' armistizju kontenenti l-kondizzjonijiet preżentati mill-Ġeneral Eisenhower bl-awtorità ta' l-Istati Uniti u tal-Gran Brettanja, u fl-interess tal-United States, li *ġie aċċettat* mill-Ġeneral Badoglio bħala Kap tal-Gvern Taljan; liema ftehim ġie firmat fi Sqallija fit-3 ta' Settembru 1943, u ġie kompletat b'dokument aktar dettaljat ("The Long Terms"), li ġie firmat f'Malta fid-29 ta' Settembru 1943, u jissejjaħ "Additional Conditions of the Armistice of Italy". F'dan il-ftehim taljan il-frażi "unconditional surrender", *difatti*, *ma tiffigurax*, għalkemm dik il-frażi tiffigura fil-preambolu tat-trattat tal-paċi ma' l-Italja, billi f'dak il-preambolu hemm riferenza għall-fatt illi l-Italja rrendiet ruħha inkondizzjonatament;

L-artistizju huwa sospensjoni ta' l-armi fuq it-teatru kollu ta' l-operazzjonijiet militari, u jista' jindika effettivament iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet u tal-gwerra meta jiġi segwit

mit-trattat tal-paċi. Però ma jgħbx miegħu t-tmiem tal-gwerra. It-terminazzjoni tal-gwerra f'dak il-każ issir bit-trattat tal-paċi, li huwa l-mod normali kif tiġi terminata gwerra;

Fil-każ ta' l-Italja, kwindi, il-gwerra għandha tiġi ritenuta terminata bit-trattat tal-paċi li ġie firmat f'Pariġi fl-10 ta' Frar 1947;

Tikkunsidra;

Illi, però, in konnessjoni ma' l-interpretazzjoni ta' kuntratti privati, il-Qrati jistgħu, kunsidrati ċ-ċirkustanzi tal-każ, jittrattaw iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet bħala sinonima maċ-ċessazzjoni tal-gwerra; u dan sabiex jiġu evitati riżultati inkonsistenti mal-ġustizzja u mas-sens komun. "For some purposes, especially in connection with the interpretation of private contracts, Courts may treat such actual cessation of hostilities as synonymous with the cessation of war. They have done so occasionally in order to avoid results inconsistent with *justice and common sense*" (Oppenheim, Vol. 2, page 597);

Illi fil-kuntratt imsemmi ma hemm ebda ċirkustanza li minnha jista' jiġi rikavat li l-partijiet, meta adoperaw il-frażi fuq riferita, kellhom f'moħħhom iċ-ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet u mhux it-terminazzjoni tal-gwerra; però, trattandosi *ta' kuntratt, anki ċirkustanzi barra minnu stess jiswew* biex wieħed jattingi minnhom l-elementi tal-konvinzjoni tiegħu tenut kont tar-regoli li jiggovernaw il-provi;

Illi mid-depożizzjoni ta' l-Avukat Dottor Joseph Vella, li kien assistent tal-Kustodju tal-Proprjetà Nemika — waħda mill-partijiet fil-kuntratt fuq imsemmi — fiż-żmien li sar dak il-kuntratt, u mix-xhieda ta' l-istess konvenut Joseph Cuschieri, jirriżulta illi l-partijiet ftehmu li għaż-żmien fuq imsemmi huma jirriduċu għat-3% fis-sena l-interessi ġa stipulati bir-rata ta' 6% fis-sena, in konsiderazzjoni tal-fatt li allura l-kummerċ, minħabba l-operazzjonijiet tal-gwerra fuq dawn il-Gżejjer, kien "batut", u d-debituri kummerċjanti setgħu kwindi ma jkunux f'pożizzjoni biżżejjed tajba biex iħallsu mingħajr tbatija kbira interessi għoljin. Hekk xehed l-imsemmi Dr. Vella; u huwa aġġunġa illi l-Kustodju ried li r-riduzzjoni ta' l-interessi tiġi stabbilita fin-nofs ta' dawk oriġinarjament pattwiti, jiġifieri fit-3% fis-sena, għaliex segwa

deċiżjonijiet tal-Qrati Tagħna li, aditi biex jagħtu għajnuna skond ir-Regolamenti ta' l-Emerġenza ta' l-1940 dwar Għajnuna ta' Ekwità fuq Obligazzjonijiet (Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 376 ta' l-1940), ordnaw illi l-interessi stipulati b'rata akbar jitħallsu bir-rata tat-3% fis-sena sakemm iddum il-gwerra; u l-imsemmi Dottor Vella xehed ukoll illi fl-uffiċċju tal-Kustodju fuq imsemmi, il-frażi "meta tispiċċa l-gwerra" kienet dejjem imfissra "meta jispiċċaw l-ostilitajiet go Malta". Il-konvenut Joseph Cuschieri wettaq ix-xhieda ta' Dottor Vella, meta ddepona illi l-interessi tas-6% fis-sena ġew ridotti għal 3% fis-sena minħabba t-tbatija kbira li l-konvenuti kienu jgħaddu minnha kieku dawk l-interessi, oriġinarjament stipulati bir-rata ta' 6% fis-sena, ma ġewx ridotti, peress illi l-istamperija tagħhom — is-somma minnhom dovuta kienet għall-prezz ta' makni ta' dik l-istamperija — ma setgħetx tiġi eżerċitata f'dak iż-żmien li fih sar il-kuntratt, billi kienet tinsab f'post wisq perikoluż minħabba l-operazzjonijiet tal-gwerra f'dawn il-Gżejjer;

Illi mill-premess, immela, jidher illi dak li l-partijiet kellhom f'moħħom, u riedu, kien li r-rata baxxa ta' l-interessi, stabbilita fit-3% fis-sena, tgħodd biss għaż-żmien li fih kien ikun hemm dik it-tbatija kbira ("hardship") kieku d-debituri kellhom iħallsu l-interessi bir-rata aktar għolja tas-6% fis-sena; derivanti, dik it-tbatija, mill-fatt illi ma setgħux jeżerċixxu l-istamperija fuq riferita minħabba l-operazzjonijiet tal-gwerra li kienu qegħdin isiru fil-post fejn kienet, u in ġenerali minħabba li allura l-kummerċ f'dawn il-Gżejjer kien "batut" in raġuni ta' l-attijiet ta' l-istess gwerra; u għalhekk, u skond il-prinċipji tal-bwona fede li jiggovernaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti, u kunsidrat ukoll li fiż-żmien li dik il-frażi ġiet użata hija kellha komunement f'dawn il-Gżejjer is-sinifikat ta' ċessazzjoni ta' l-ostilitajiet, għaliex meta dik l-istess frażi kienet tiġi wżata f'xi ftehim bejn il-privati, u anki in konnessjoni mar-regolamenti fuq ċitati, ordinarjament kienet tfisser iċ-ċessazzjoni ta' l-attijiet tal-gwerra, għandu jiġi ritenut li anki fil-każ preżenti, meta l-partijiet adoperaw dik il-frażi, riedu jalludu għaċ-ċessazzjoni ta' l-ostilità, u kwindi, kif spiċċaw dawk l-ostilitajiet, u ġiet ri-

preża l-ħajja normali li kienet ġiet imfixkla bihom. u l-kummerċ beda jieħu r-ruħ, u spiċċat gnaħekk l-imsemmija tbatija kbira għad-debituri biex iħallsu l-interessi tas-6% fis-sena oriġinarjament stipulati, l-istess debituri kellhom jerġgħu jibdew iħallsu l-interessi b'dik ir-rata għolja tas-6% ;

Fl-Ewropa, u kwindi f'Malta, l-ostilitajiet iċċessaw f'nofs il-lejl fit-8 ta' Mejju 1945, in forza ta' l-istrument tar-reża totali inkondizzjonata firmat mill-Ġeneral Bedell Smith u mill-Ġeneral Jodi, b'uffiċjali Franċiżi u Russi bħala testimoni, fis-2.41 a.m. fis-7 ta' Mejju 1945 ;

Għaldaqstant il-konvenuti kellhom jerġgħu jibdew iħallsu l-interessi bir-rata tas-6% minn nofs il-lejl tat-8 ta' Mejju 1945 ; u kif jirriżulta mill-prospett fuq imsemmi, l-attur nomine beda jaddebitahom bl-interessi kalkulati in bażi għal dik ir-rata appuntu minn dik id-data ;

Tikkunsidra, dwar ir-raġuni l-oħra mogħtija mill-konvenuti l-għaliex ma jaċċettawx bħala korrett il-prospett fuq riferit ;

Illi l-konvenuti ma għamlu ebda prova li xi pagamenti li huma għamlu bejn il-31 ta' Jannar 1938 u s-7 ta' Diċembru ta' dik is-sena ma ġewx reġistrati fid-dati li huma effettivament għamlu dawk il-pagamenti ; lanqas ma ppruvaw li għamlu xi pagamenti qabel ma beda il-gwerra ma' l-Italja li ma ġewx meħudin in kalkolu ;

Jirriżulta li l-prospett fuq imsemmi, li minnu, kif ġa ntqal, jirriżulta d-debitu tal-konvenuti kif muri fl-att taċ-ċitazzjoni, ġie magħmul fl-uffiċċju tal-Kustodju tal-Proprjetà Nemika minn Carmelo Vella, li kkonferma bil-ġurament tiegħu l-eżattezza ta' dak il-prospett ;

Għaldaqstant tiddeċidi adeżivament għall-istanza bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, tassabili, in rigward ta' l-aħwa Cuschieri, kif kontra n-non-opponenti, in rigward biss ta' l-ammont minnhom ammess.